MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1293/2010

**Vodafone Malta Ltd
C-10865**

**vs**

**Charles Vassallo
I.D. 244979(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici, talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ elf mitejn tlieta u sebghin Ewro u disgha Ewro centezmu (€1,273.09), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kotndenti u skond ir-rendikont anness ma l-avviz tat-talba markat bhala Dok A.

Illi l-konvenut gie interpellat divers drabi b’talba ghall-pagament effeticv, izda baqa’ inadempjenti ghal tali talba,

ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-llum u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagamnet effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ta' l-istess socjeta' attrici pprezentata fil-5 ta' Novembru, 2010 li permezz taghha l-konvenut ghamel pagament akkont ta' mittejn u hmistax-il Ewro (€215) u ghalhekk l-ammont mitlub gie ridott ghal elf u tmienja u hamsin Ewro u disa' Ewro centezmi (€1,058.09).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma kif ridotta ta' elf u tmienja u hamsin Ewro u disa' Ewro centezmi (€1,058.09), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------